



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat dwar il-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2011/2284(INI)**

22.3.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni. Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija.  
(2011/2284(INI))

Rapporteur: Ágnes Hankiss

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jitlob lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li l-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni teħtieġ approċċ interdixxiplinarju li għandu bżonn jinkludi l-aspetti importanti tal-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-Intern bħas-sigurtà interna, il-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għall-kunfidenzjalità u għal haġja privata, u b'hekk isaħħaħ is-sigurtà filwaqt li jirrispetta d-drittijiet fundamentali;
2. Ifakkar li l-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni hi inkluża fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-UE fil-kuntest tat-titjib tal-livelli tas-sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju;
3. Iħeġġeġ it-tkomplija u l-aġġornament kontinwu tal-identifikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni, bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE<sup>1</sup> dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom; jenfasizza wkoll il-bżonn li jinholq Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika fil-livell Ewropew malajr kemm jista' jkun; jinsisti li, fid-dawl tad-dipendenza qawwija tal-istituzzjonijiet pubbliċi, in-negozji u d-djar privati fuq it-Teknoloġiji tal-Infomazzjoni u l-Komunikazzjoni (TIK), id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE għandha tiġi rieżaminata sabiex tirrikonoxxi wkoll t-TIK bħala settur kritiku;
4. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija nazzjonali u jiżguraw ambjent għat-tfassil tal-politika u regolatorju b'saħħtu, proċeduri komprensivi għall-ġestjoni tar-riskju u miżuri preparatorji u mekkaniżmi xierqa; iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma stabbilixxewx is-CERT (Skwadra ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters) tagħhom biex jistabbilixxuha fiż-żmien dovut, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infomazzjoni (ENISA) jekk ikun meħtieġ;
5. Hu tal-fehma li kwalunkwe bażi ta' data fuq skala kbira li tittratta data personali sensitiva, bħal dawk tal-UE, gvernijiet tal-Istati Membri u istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kura tas-saħħa, għandha titqies bħala parti mill-infrastruttura kritika ta' informazzjoni u li -ħarsien ta' data bħal din għandu jkun żgurat skont l-ogħla standards possibbli;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu l-infrastruttura kritika mill-attakki ċibernetiċi u biex jipprovdu mezzi biex iwaqqfu l-aċċess għal infrastrutturi kritiċi f'każ li l-funzjonament tagħha jiġi mhedded b'mod serju minn attakk ċibernetiku dirett;
7. Jenfasizza l-importanza ta' eżerċizzji pan Ewropej bi tħejjija għal inċidenti ta' sigurtà fin-netwerk fuq skala kbira, u d-definizzjoni ta' sett uniku ta' standards għall-ivvalutar tat-theddid;

---

<sup>1</sup> ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75

8. Iqis li l-ENISA tista' taqdi rwol importanti fil-livell Ewropew fil-protezzjoni ta' infrastrutturi ta' informazzjoni kritika, billi tippovdi kompetenzi tekniċi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll rapporti u analiżi dwar is-sigurtà tas-sistema tal-informazzjoni fil-livell Ewropew u f'dak globali;
9. Jemmen li l-kooperazzjoni internazzjonali lil hinn mill-UE hi indispensabbli, minħabba li n-natura ta' theddid informatiku hi globali, u teħtieġ reazzjonijiet globali li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali; jenfasizza wkoll li kull ftehim internazzjonali li jkun jinvolvi l-iskambju ta' data sensittiva għandu jikkunsidra s-sigurtà tat-trasferiment u l-ħżin tad-data;
10. Jenfasizza li l-“Istrateġija għas-Sigurtà tal-Internet” li ġejja tal-Kummissjoni għandha tqis ix-xogħol fuq il-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni bħala punt ċentrali ta' referenza u timmira għal approċċ olistiku u sistematiku lejn iċ-ċibersigurtà billi tinkludi kemm miżuri proattivi, bħall-introduzzjoni ta' standards minimi għal miżuri ta' sigurtà jew it-tagħlim ta' utenti individwali, negozji u istituzzjonijiet pubbliċi, kif ukoll miżuri reattivi, bħal sanzjonijiet fil-liġi kriminali, fil-liġi ċivili kif ukoll sanzjonijiet amministrattivi;
11. Jemmen li l-koordinazzjoni fl-UE għandha tissaħħaħ u tittejjeb l-ewwel u qabel kollox bejn l-atturi ċivili u militari u wkoll bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra fil-prevenzjoni, fil-ġlieda u fl-ippenalizzar ta' attacchi kontra sistemi ta' informazzjoni, inkluż il-pulizija u l-awtoritajiet l-oħra mill-Istati Membri għall-infurzar tal-liġi, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati fil-livell Ewropew, bħal Eurojust, il-EUROPOL u l-ENISA;
12. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni b'saħħitha bejn is-setturi pubbliċi u privati, minħabba li l-qawwiet differenti tas-setturi għandhom jikkontribwixxu, permezz ta' kumplimenti reċiproki, għall-isforzi li jsiru biex tiġi protetta l-infrastruttura u b'hekk jiġu protetti l-ħajjiet u l-privatezza taċ-ċittadini Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi s-Sħubija Pubblika-Privata Ewropea għar-Reżiljenza, li tkun integrata mal-ħidma tal-ENISA u tal-Grupp Governattiv Ewropew ta' CERTs;
13. Jindika li l-parti l-kbira tal-attivitajiet kurrenti mwettqa minn diversi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji internazzjonali u tal-UE kif ukoll minn Stati Membri jeħtieġu koordinament sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, u għal dan l-iskop hemm lok fejn wieħed iqis il-ħatra ta' uffiċjal responsabbli għall-koordinazzjoni, possibilmment permezz tal-ħatra ta' koordinatur taċ-ċibersigurtà tal-UE;
14. Iqis li l-isforzi għall-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni mhux biss se jtejbu s-sigurtà ġenerali taċ-ċittadini iżda se jtejbu wkoll il-perċezzjoni ta' sigurtà taċ-ċittadini u l-fiduċja tagħhom f'miżuri adottati mill-Gvern għall-ħarsien tagħhom;
15. Jenfasizza l-importanza li tkun stabbilita u żgurata l-integrazzjoni dewwiema tar-riċerka Ewropea sabiex tinżamm u tissaħħaħ l-eċċellenza Ewropea fil-qasam tal-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni;
16. Jenfasizza l-importanza ta' pjan direzzjonali ta' riċerka attiv fil-qasam taċ-ċibersigurtà;

17. Jirrakkomanda l-promozzjoni tal-edukazzjoni fiċ-ċibersigurtà (apprendistati għall-istudenti fil-livell ta' PhD, korsijiet fl-università, workshops, taħriġ għall-istudenti, eċċ.) u eżerċizzji ta' taħriġ speċjalizzati fil-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni;
18. Jirrakkomanda relazzjoni u interazzjoni mill-qrib bejn is-setturi privati nazzjonali u l-ENISA sabiex jgħaqqad is-CERTs Nazzjonali/Governattivi mal-iżvilupp tas-Sistema Ewropea għall-Iskambju ta' Informazzjoni u ta' Twissija (EISAS),
19. Jenfasizza l-importanza ta' Strateġija komuni għaċ-Ċibersigurtà Ewropea u tal-istabbiliment ta' perjodu ta' żmien għad-definizzjoni tagħha f'termini ta' azzjonijiet u rizzorsi meħtieġa;
20. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu strutturat bejn l-atturi ewlenin u l-leġiżlaturi fl-UE u fl-Istati Uniti involuti fis-CIIP għal fehim komuni u interpretazzjonijiet u pożizzjonijiet komuni fir-rigward ta' oqfsa legali u ta' governanza.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.3.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45 -: 0 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Roberta Angelilli, Edit Bauer, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeyns, Carlos Coelho, Rosario Crocetta, Frank Engel, Cornelia Ernst, Tanja Fajon, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Juan Fernando López Aguilar, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu, Anthea McIntyre, Jan Mulder, Antigoni Papadopoulou, Judith Sargentini, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Vilija Blinkevičiūtė, Andrew Henry William Brons, Michael Cashman, Anna Maria Corazza Bildt, Ana Gomes, Nadja Hirsch, Stanimir Ilchev, Iliana Malinova Iotova, Franziska Keller, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Mariya Nedelcheva, Hubert Pirker, Zuzana Roithová, Kārlis Šadurskis
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Luis de Grandes Pascual